MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 1198/2000/1

**George u Miriam konjuġi PORTELLI**

**vs**

**Ivan John FELIĊE**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 ta' Ġunju, 2000,li bih l-atturi ippremettew;

Illi bi skrittura tat-30 ta' Awwissu 1999 l-attur biegħ lill-konvenuti u kkonsenjalu Van Isuzu nru LVY 054 bil-prezz ta' sitt elef Lira Maltija (Lm6000) li minnhom tħallsu elfejn Lira (Lm2000) fuq l-iskrittura u l-bilanċ ta' erbat elef Lira (Lm4000) kellhom jitħallsu b'rati mensili ta' mija u ħamsin Lira (Lm150) bħala ħlas mill-kapital, b'imgħax mensili ta' tnax-il Lira (Lm12) b'mod li kellhom jitħallsu mija u tnejn u sittin Lira (Lm162) fix-xahar u bil-kundizzjonijiet l-oħra

stipulati fl-istess skrittura (Dok.A). Billi sal-5 ta' April 2000 il-konvenut kien ħallas biss tlett pagamenti – b'mod li dak il-jum kien debitur tal-istanti fl-ammont ta' tlett elef ħames mija u tmienja u disgħin Lira (Lm3598).

Illi nterpellat biex tħallas il-bilanċ il-konvenut, li kien iddekada mill-benefiċċju ta' kull terminu, baqa' inadempjenti.

Għalhekk l-attur jgħid lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex:

1. Tiddikjarah debitur versu l-istanti fis-somma ta' Lm3598 jew somma verjuri li tillikwida din l-Onorabbli Qorti.

2. Tiddikjara li hu ddekada mill-benefiċċju ta' kull terminu.

3. Tikkundannah iħallas lill-istanti l-ammont bilanċjali dikjarat dovut mill-Qorti, bl-imgħax tat-8 fil-mija mill-5 ta' April 2000 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, kompriżi Lm41.40 spejjeż ta' ittri u mandati (Riċevuta Fiskali A 11215748) kontru l-konvenut li hu nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fl-24 ta' Lulju, 2000, li biha l-imħarrek eċċepixxa;

1. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fil-fatt u fid-dritt stante li n-negozju tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LVY 054 sar b'qerq da parti tal-attur stante li dan żvijja lill-konvenut dwar l-oġġett u l-kwalita' tal-vettura in kwistjoni, kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

2. Salv eċċezzjonijet ulterjuri permessi mill-Liġi.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;
Rat il-kontro-talba mressqa mill-imħarrek Feliċe flimkien man-Nota tal-Eċċezzjonijiet u li biha huwa ippremetta;

Illi l-konvenut rikonvenzjonant xtara vettura tal-marka Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni LVY 054 (zero ħamsa erba') versu l-prezz ta' sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) mingħand l-attur rikonvenzjonat;

Illi għal tali trasferiment il-konvenut rikonvenzjonant ħallas lill-attur rikonvenzjonat is-somma ta' elfejn Lira Maltin (Lm2000) fid-data tal-iskrittura oltre tlett (3) pagamenti mensili ta' mija tnejn u sittin Lira Maltin (Lm162);

Illi dan l-istess negozju ġie konkluż mill-partijiet kontendenti a bażi tal-fatt li l-konvenut rikonvenzjonant kien ġie żvijjat mill-attur rikonvenzjonat dwar l-oġġett u l-kwalita' tal-vettura in kwistjoni, stante li l-attur rikonvenzjonat biegħ il-vettura bħala 10 (ten) seater, meta effettivament il-vettura ġiet dikjarata mid-Direttur tal-Liċenzji bħala 7 (seven) seater;

Illi għalhekk, fl-istess negozju kien jirriżulta vizzju tal-kunsens tal-istess konvenut rikonvenzjonant u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Jgħid għalhekk l-attur rikonvenzjonat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex: -

1. Tiddikjara illi l-kunsens tal-konvenut rikonvenzjonant kien vizzjat fin-negozju tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LVY 054.

2. Tiddikjara li l-istess kuntratt ta' trasferiment huwa null u bla effett.

3. Tordna lill-attur rikonvenzjonat irodd il-flus imħallsa mill-konvenut rikonvenzjonant fis-somma ta' elfejn erba' mija u tmenin Lira Maltin (Lm2,486) jew somma verjuri li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni.
Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek rikonvenzjonant Feliċe, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fis-7 ta' Novembru, 2000, li biha l-atturi rikonvenzjonati eċċepew;

1. Illi l-kuntratt bejn il-partijiet sar skond kif miftiehem bejn il-partijiet u b'hekk m'għandha issir l-ebda dikjarazzjoni li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat.

2. Illi isegwi li ma għandiex issir dikjarazzjoni li l-kuntratt ta' trasferiment hu null u bla effett.

3. Illi isegwi li l-attur rikonvenzjonati m'għandhomx iħallsu lura is-somma ta' elfejn erba' mija u tmenin Lira Maltin (Lm2486) jew somma verjuri li tiġi likwidata min din l-Onorabbli Qorti.

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Liġi.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi rikonvenzjonati miżżewġin Portelli;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet u x-xhud tagħhom quddiem il-Qorti, magħduda x-xhieda dokumentali;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tal-10 ta' Marzu, 2004, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz miftiehem f'kitba. L-atturi kien wegħdu li jbiegħu vann lill-imħarrek, u dan kien intrabat li jħallsu fuq medda ta' żmien, wara li kien ħallas somma akkont mal-ftehim. L-imħarrek naqas milli jkompli l-ħlasijiet u l-atturi fittxewh għall-ħlas tal-bilanċ;

Illi, għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li t-talbiet tal-atturi ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu għaliex in-negozju li sar bejnhom u bejnu kien sar b'qerq għalih. Huwa fisser li dan il-qerq kien jikkonsisti f'tagħrif ħażin dwar l-għadd ta' passiġġieri li l-vann kien permess li jista' jġorr. Għalhekk, l-imħarrek huwa ressaq kontro-talba kontra l-atturi li biha huwa talab li jiġi dikjarat li l-kunsens tiegħu għall-ftehim kien milqut b'qerq min-naħa tal-atturi, u biex jiġi dikjarat li l-ftehim ma jiswiex u biex l-atturi jroddulu l-flus li kien ħallashom sa dak iż-żmien;

Illi, għal din l-azzjoni rikonvenzjonali, l-atturi laqgħu billi saħqu li l-ftehim sar kif qablu l-partijiet u ma kien hemm l-ebda qerq min-naħa tagħhom;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li fit-30 t'Awissu, 1999[1], sar ftehim ta' (wegħda ta') bejgħ li bih l-attur wiegħed li jbigħ lill-imħarrek vann tal-għamla *Isuzu Glazer KA*, reġistrat LVY-054, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija. Il-prezz kien ta' sitt elef lira Maltin (Lm 6,000) li minnhom l-imħarrek ħallas akkont elfejn lira Maltin (Lm 2,000) dak inhar tal-ftehim u l-bqija kellu jħallashom bir-rata ta' mija u tnejn u sittin lira Maltija (Lm 162) kull xahar, magħdud l-imgħax. Kienu nħarġu wkoll kambjali dwar l-imsemmi bilanċ. Il-vann, li kien ilu fuq it-triq sa mill-1980, kien fuq isem ċertu Raymond Schembri: il-vann kien muri li jista' jġorr sa disa' (9) passiġġieri[2]. Il-vann kien dam f'idejn l-attur madwar sitt xhur qabel għaddih lill-imħarrek[3]. Qabel kien jgħajjat lil Raymond Schembri, il-vann kien jgħajjat lil George Busuttil u kien juri li kien seta' jġorr sa

[1] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[2] Dok "JA1", f'paġ. 28 tal-proċess
[3] Xhieda tal-attur 21.5.2001, f'paġġ. 56 u 62 tal-proċess

seba' (7) passiġġieri[4]. Il-vann ma kien qatt jgħajjat lill-attur[5];

Illi l-imħarrek ħa l-vann f'idejh sa minn xi jumejn qabel il-ftehim u beda jħallas ir-rati miftehma. Wara ftit taż-żmien, inqalgħet problema fil-makna u kellem lill-atturi biex itawwlu ż-żmien tal-ħlas. Kien hemm qbil. L-imħarrek spiċċa ma kompliex iħallas, u l-vann ma baqax isuqu, iżda nżamm f'garaxx wara li kien sekwestrat. Matul Mejju tal-2000, il-vann għadda minn fuq isem Schembri għal fuq isem ċertu Anthony Magro[6]. Il-kawża nfetħet fit-12 ta' Ġunju, 2000;

Illi l-isfond li fuqu l-Qorti trid tasal għall-fehma tagħha juri stampa fejn negozji ta' din l-għamla jkunu miżgħuda b'arranġamenti partikolari li jagħmluha ħaġa mhux ħafifa biex tifhem x'ikunu jridu l-partijiet. Ma' dan, imbagħad, jidħol element qawwi ta' burokrazija fejn dipartiment amministrattiv ikollu proċeduri fejn taqsima waħda tiegħu ma tkunx taf x'qiegħed isir f'taqsima oħra[7]. Minkejja dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti sejra żżomm mal-qofol tal-kwestjonijiet ta' għamla legali li jsawru l-każ li għandha quddiemha;

Illi għar-rigward tat-talba attriċi, ma jidhirx li huwa kontestat li l-prezz miftiehem ma tħallasx kollu mill-imħarrek. Għall-kuntrarju, mit-tieni premessa tal-kontro-talba tiegħu, wieħed jara li huwa nnifsu jaqbel li ħallas b'kollox Lm 2486 (li, skond il-kundizzjonijiet tal-ftehim, jinkludu fihom Lm 36 f'imgħaxijiet) mis-Lm 6000 miftehma (flimkien Lm 320 f'imgħaxijiet). L-imħarrek, madankollu, qiegħed jitlob li l-atturi jroddulu lura l-imsemmija somma, għaliex qiegħed jgħid li l-ftehim ma jiswiex għaliex l-atturi qarrqu bih. Għalhekk, il-kwestjoni li tassew trid titqies hija dik maħluqa mill-imħarrek fil-kontro-talba tiegħu, u jiġifieri jekk il-ftehim ta' bejgħ ta' bejn il-partijiet jiswiex jew jekk kienx vizzjat minħabba qerq;

4 Xhieda ta' Jose' Abela, 9.3.2001, f'paġ. 36
5 Xhieda ta' Ray Schembri 9.3.2001, f'paġġ. 45-6 tal-proċess
6 Dok "IF2", f'paġ. 74 tal-proċess
7 Ara, per eżempju, x-xhieda tal-imsemmi Jose' Abela, f'paġġ. 34-5 u x-xhieda ta' Carmel Abela 26.11.2003, f'paġġ. 116-7 tal-proċess

Illi l-liġi tgħid li l-kunsens mogħti bi żball jew meħud bi vjolenza jew b'għamil doluż ma jkunx jiswa[8]. Kuntratt magħmul minn xi parti b'kunsens hekk mogħti ma jkunx jiswa lanqas, għaliex il-kunsens huwa wieħed mill-erba' ħtiġiet ewlenin ta' kull kuntratt li jiswa[9]. L-imħarrek ifisser in-nuqqas ta' kunsens tajjeb tiegħu billi jgħid li ma kienx minnu li l-vann sata' jġorr sa disa' passiġġieri imma biss sa seba' u ma kienx jixtrih li kieku kien jaf b'dan. Kif issottomettiet l-abbli difensur tiegħu waqt it-trattazzjoni tagħha tal-għeluq, il-kwestjoni tal-għadd ta' passiġġieri ma ssemmietx espressament fil-ftehim għaliex **minn dak li kien jidher** (kemm fil-vann innifsu u kif ukoll mid-dokumenti li l-imħarrek intwera) kollox kien juri li l-vann tassew sata' jġorr sa disa' passiġġieri. Min-naħa tagħhom, l-atturi jisħqu li l-fattur ta' kemm setgħu jinġarru passiġġieri ma kien qatt imsemmi fit-trattativi li wasslu għall-ftehim;

Illi biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jħassar is-siwi tal-istess kunsens, jeħtieġ li (a) jitħaddmu meżżi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (ċ) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali meżżi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra[10]. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u jkun għamil li jmur lil hinn minn ftaħir eżaġerat dwar xi kwalita' tal-oġġett tan-negozju, u li kieku ma kienx għal dak il-qerq, kieku ma kienx jidħol fin-negozju in kwestjoni[11]. Fil-każ tal-qerq, għall-kuntrarju ta' dak li jiġri fil-vjolenza (bħala kawża ta' nullita' tal-kunsens), is-sehem ta' terza persuna ma jkunx biżżejjed biex ixejjen is-siwi ta' kuntratt fejn il-kunsens ta' persuna jkun ġie meħud b'qerq. Dan il-prinċipju wkoll joħroġ mil-liġi[12];

Illi peress li l-għamil doluż ma jistax ikun preżunt[13], fejn jiġi allegat li l-kunsens ta' xi parti kien milqut minn vizzju, l-piz tal-prova ta' fatt bħal dan jaqa' fuq min iqanqal

---

[8] Art. 974 tal-Kap 16
[9] Art. 966 tal-Kap 16
[10] Caruana Galizia Notes on Civil Law – Obligations, paġ. 272
[11] P.A. **4.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud noe vs Tanti*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.722**)
[12] Art. 981(1) tal-Kap 16
[13] Art. 981(2) tal-Kap 16

allegazzjoni bħal din[14]. Fil-każ preżenti, dan il-piż jaqa' fuq l-imħarrek rikonvenjent;

Illi l-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabiliti bla xkiel jew diffikulta' żejda mill-parti li tallega l-qerq, għaliex f'każ bħal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx għajr skuża faċli biex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom mal-persuna li allegatament użat il-qerq[15]. Fuq kollox, għall-kuntrarju ta' dak li huwa meħtieġ meta jiġi allegat l-iżball, fil-każ tal-qerq l-effett tal-għamil doluż ma hemmx bżonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-oġġett tan-negozju li jkun[16];

Illi mill-imsemmija provi jirriżulta li l-vann kellu jibqa' reġistrat fuq isem is-sid tiegħu sakemm l-imħarrek iħallas il-prezz kollu. Jirriżulta wkoll li l-attur iggarantixxa lill-imħarrek li l-vann kellu l-permessi kollha biex jista' jaħdem u li tali permessi kienu jiddawru fuq isem l-imħarrek hekk kif dan iħallas il-prezz. Jirriżulta wkoll li l-imħarrek intrabat u aċċetta li jieħu l-vann kif rah u ħeles lill-attur mill-obbligu li jiggarantihulu kontra difetti mistura;

Illi Raymond Schembri, li kien is-sid reġistrat tal-vann kemm dan dam f'idejn l-attur u kif ukoll sakemm dam f'idejn l-imħarrek, jisħaq li l-*log book* tal-vann kien jindika li seta' jgħabbi sa disa' (9) passiġġieri[17]. Fi kliem ieħor, fl-ebda waqt li l-vann kien f'idejn l-imħarrek ma kien hemm, formalment, problema dwar l-għadd massimu ta' passiġġieri li setgħu jitrikkbu fih. Minbarra dan, irriżulta wkoll mill-istess xhud[18] li t-talba għal żieda tal-għadd ta' passiġġieri kienet formalita' li l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku kienet tilqa' kieku ssirilha talba f'dan is-sens. Il-fakulta' li vettura titħalla mill-Awtorita' li ġġorr sa disa' passiġġieri tiddependi minn jekk sid il-vann ikunx qagħad għall-kriterji mfassla mill-istess Awtorita'[19]. Ma tressqet l-ebda prova li tmieri dawn il-fatti;

---

[14] P.A. **16.6.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Barbara vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.699**)
[15] P.A. TM **4.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***P.L. Joseph Żammit noe et vs Joseph Fenech et***
[16] P.A. RCP **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Vella et vs Nażżareno Farruġia et***
[17] Xhieda ta' Raymond Schembri 9.3.2001, f'paġġ. 41 u 43 tal-proċess
[18] *Ibid.* paġ. 42 tal-proċess
[19] Xhieda ta' Carmel Abela 26.11.2003, f'paġ. 114 tal-proċess

Illi irriżulta wkoll li l-kwestjoni ta’ kemm il-vann seta’ jġorr passiġġieri ma tqanqlet fl-ebda waqt tan-negozjati bejn l-attur u l-imħarrek[20]. Fiż-żmien in kwestjoni, il-vann kien jista’ jġorr sa disa’ (9) passiġġieri u hekk kien jidher li hu. L-imħarrek xtara fuq li ra[21], u hekk jistipula l-ftehim li sar bejniethom. Min-naħa l-oħra, meta l-vann għadda f’idejn l-attur il-*log book* tiegħu kien jixhed li sata’ jġorr sa disa’ (9) passiġġieri;

Illi b’żieda ma’ dawn il-fatti jew ċirkostanzi, il-Qorti ma ssibx li l-imħarrek rikonvenjent seħħlu jipprova li l-atturi, jew xiħadd minnhom, wettaq għamil qarrieq fil-konfront tiegħu. Il-makkinazzjonijiet jew strataġemmi li huma meħtieġa biex jintwera li sar xi pjan li jqarraq b’xi persuna ma jirriżultaw imkien. Jekk ix-xilja tal-imħarrek tinbena fuq il-fatt li l-*log book* tal-vann kien jixhed ħwejjeġ li ma kinux mis-sewwa, dan jgħodd ukoll għall-attur, minħabba li meta xtara l-vann mingħand Raymond Schembri, l-*log book* kien jagħti l-istess tagħrif. F’dan ir-rigward, hija wisq sinjifikattiva x-xhieda tal-attur mogħtija waqt il-kontro-eżami tiegħu meta, bi tweġiba għall-mistoqsija dwar jekk sarx kliem bejnu u l-imħarrek dwar kemm setgħu jitrikkbu passiġġieri fil-vann, wieġeb: “Ma setax isir diskors, għandek il-liġi f’idejk, għandek il-*log book*”[22]. Dan jikkonfermah l-imħarrek innifsu meta xehed li “Meta tixtri *minibus* il-*log book* trid tara l-ewwel”[23];

Illi lanqas ma jista’ jitfa’ dawl konklussiv id-dokument imressaq mill-imħarrek flimkien mal-kontro-talba tiegħu[24] u dan għaliex, fl-ewwel lok, dak id-dokument inħareġ biss fil-mori tal-kawża u wara li l-imħarrek kien notifikat bl-att taċ-Ċitazzjoni. Fit-tieni lok għaliex dak id-dokument jirreferi għall-qagħda tal-vann fl-1980 (meta nħareġ fuq it-triq) u ma jikxifx x’sata’ sar għar-rigward sal-1999, meta l-vann għadda f’idejn l-imħarrek mingħand l-attur;

Illi, mbagħad, hemm il-fatt li l-imħarrek innifsu ma baqax juża l-vann u wassal biex is-sid reġistrat – Raymond

[20] Xhieda tal-attur 21.5.2001, f’paġ. 57 tal-proċess
[21] Xhieda tal-attriċi 21.5.2001, f’paġ. 66 tal-proċess
[22] Paġ. 60 tal-proċess
[23] Xhieda tal-imħarrek 9.11.2001, f’paġġ. 81-2 tal-proċess
[24] Dok “A”, f’paġ. 17 tal-proċess

Schembri – idawwar it-*transfer* fuq Anthony Magro, kollox minn wara dahar l-atturi, meta kien jaf li kellu kondizzjoni li ma setax jagħmel dan qabel ma jkun ħallas il-prezz kollu miftiehem. Jekk, kif l-imħarrek qiegħed jippretendi bil-kontro-talba tiegħu, il-ftehim bejnu u l-attur ma jiswiex, wieħed jistaqsi, mela, b'liema jedd sata' ħalla li l-vann jgħaddi fuq isem ħaddieħor u kif seħħlu jagħmel dan mingħajr ma jgħarraf lill-atturi ? Fuq kollox, kif jista' jixli lill-atturi b'qerq meta mexa b'dak il-mod ? Il-massima *nemo ex turpitudo eius oritur jus* issib applikazzjoni f'dan il-każ. Minbarra dan, kif sewwa issottomettiet l-abbli difensur tal-atturi waqt it-trattazzjoni tagħha tal-għeluq, il-fatt li l-imħarrek naqas li jipprova li tassew ma setax jaħdem bil-vann minħabba l-għadd ta' passiġġieri li sata' jgħabbi u ċ-ċitazzjonijiet li qal li kien jirċievi bla heda[25], juru li dak li l-imħarrek rikonvenjent jibni l-każ tiegħu fuqu mhux għajr skuża biex jeħles mir-rabtiet kuntrattwali tiegħu;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li ma nġibitx raġuni tajba biex issib li l-ftehim li ntlaħaq bejn l-attur u l-imħarrek jiġi dikjarat ma jiswiex u għalhekk m'hijiex sejra tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni talba attriċi, jingħad li ntwera bla ebda dubju li l-imħarrek naqas li jibqa' jwettaq il-ħlasijiet miftehma fiż-żminijiet pattwiti. Ukoll kieku kellu jittieħed b'qies il-fatt li l-atturi kienu taw il-kunsens tagħhom biex itawlu ż-żmien li fih l-imħarrek kellu jerġa' jibda l-ħlasijiet, xorta jirriżulta li, sal-waqt li nfetħet il-kawża, l-imħarrek kien raġa' waqa' lura fil-ħlasijiet. Għalhekk, fid-dawl tal-artikoli 1071 u 1079 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti sejra tilqa' t-tieni talba tal-atturi;

Illi dwar l-ammont li l-imħarrek ħallas irid jingħad li, għalkemm huwa minnu li huwa ħallas l-akkont u tliet (3) rati, hemm imniżżel fil-ftehim li kull rata kellu jkun miżjud fiha ammont ta' mgħax. Għall-finijiet tal-prezz miftiehem, madankollu, l-imħarrek jiġi li ħallas elfejn erba' mija u ħamsin lira Maltija (Lm 2450) mis-somma miftehma, u

25 Xhieda tal-imħarrek 9.11.2001, f'paġ. 91 u 10.6.2003 f'paġ. 109 tal-proċess

għalhekk, fadal bilanċ ta' tlitt elef ħames mija u ħamsin lira Maltija (Lm 3550) x'jitħallsu minnha. M'huwiex imfisser kif l-atturi waslu biex jitlobu s-somma ta' Lm 3598, iżda l-ewwel talba tagħhom hija miftuħa għal kull "somma verjuri" li tista' tillikwida din il-Qorti;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali** tal-imħarrek Ivan John Feliċe bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara lill-istess imħarrek debitur tal-atturi fis-somma ta' tlitt elef ħames mija u ħamsin lira Maltija (Lm 3550), bilanċ ta' prezz ta' vann tal-għamla *Isuzu GlazerKA*, reġistrat LVY-054, lilu mibjugħ u konsenjat;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tiddikjara li l-imħarrek naqas li jħallas il-bilanċ ta' prezz imsemmi fiż-żminijiet miftehma, u għalhekk tilef il-benefiċċju tal-ħlas bi żmien;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-atturi s-somma fuq likwidata ta' Lm 3550 flimkien mal-imgħaxijiet fuq l-imsemmija somma mill-ħamsa (5) ta' April, 2000, sal-jum tal-ħlas effettiv, u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża ewlenija u tal-azzjoni rikonvenzjonali.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------